MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' April, 2013

Citazzjoni Numru. 1181/2012

**Bank of Valletta p.l.c.**
**(C – 2833)**

**vs**

**Paula Ward**
**(Karta ta' l-identita` Numru 40606 (A))**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors guramentat promotur datat it-28 ta' Novembru, 2012, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1. Illi s-socjeta` rikorrenti kkoncediet lill-intimata facilitajiet bankarji msemmija f'zewg (2) skritturi privati datati t-30 ta' Settembru, 2008 u 26 ta' Frar, 2009;

2. Illi b'rizultat tal-istess skritturi ndikati fil-paragrafu precedenti, l-intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont ta' hdax –il elf, seba' mija u erbatax –il Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€11,714.82), oltre l-imghax dovut mis-17 t'Ottubru, 2012, sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi mid-dati tal-iskritturi privati fuq riferiti sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet hemm imsemmija kif indikat fl-istess rikors guramentat promotur fuq indikat;

4. Illi nonostante li l-intimata giet interpellata ufficjalment biex thallas l-ammont minnha dovut fuq indikat, baqghet inadempjenti;

5. Illi konsegwentement is-socjeta` rikorrenti kienet kostretta tintroduci l-procedura odjerna fejn qed titlob lil din il-qorti biex:

i. Tiddikjara u tiddeciedi li sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq riferiti kif espressament indikat mill-istess socjeta` rikorrenti fl-ewwel talba taghha;

ii. Tikkundanna li l-intimata thallas lis-socjeta` rikorrenti s-somma fuq indikata, bilanc ghad-debitu kontrattwali li l-intimata ghandha mas-socjeta` rikorrenti, flimkien ma' l-imghax dovut mis-17 t'Ottubru, 2012 sad-data tal-effettiv pagament;

iii. Bl-isepjjez, kif mitluba mis-socjeta` rikorrenti fir-rikors guramentat promotur taghha;

Rat id-dokumenti kollha annessi mar-rikors guramentat promotur;

Rat id-debita notifika tal-intimata li saret permezz tal-pubblikazzjoni skont il-ligi;

Ikkonstatat li nonostante dan, l-intimata baqghet fi stat ta' kontumacja;

Semghet lix-xhud prodott;

Ikkunsidrat:

Illi skont il-kumpless evidenzjali prodott mis-socjeta` rikorrenti jirrizulta sintetikament is-segwenti:

1. Illi l-intimata Ward ikkonkludiet iz-zewg (2) skritturi fuq gia` elenkati, (ara fol 4-7, u fol 8-12), li permezz taghhom is-socjeta` rikorrenti kkoncediet il-facilitajiet bankarji hemm indikati lill-istess intimata;

2. Illi rizultat tal-istess facilitajiet hekk lilha koncessi l-intimata hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' hdax –il elf, seba' mija u erbatax –il Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€11,714.82), oltre l-imghax dovut mis-17 t'Ottubru, 2012, sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi ghalkemm interpellata biex taghmel tajjeb ghall-ammont minnha dovut, l-intimata baqghet inadempjenti;

4. Illi skont ix-xhieda tar-rapprezentant tas-socjeta` rikorrenti, jirrizulta li s-sitwazzjoni bejn il-kontendenti ma nbidlitx;

Ikkunsidrat:

Illi tenut kont tal-fatti kif fuq sintetikament esposti din il-qorti m'ghandha l-ebda alternattiva hlief li takkolji t-talbiet tas-socjeta` rikorrenti stante li debitament pruvati skont il-ligi, u konsegwentement:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li effettivament sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskritturi privati fuq riferiti kif espressament indikat mis-socjeta` rikorrenti fl-ewwel talba taghha nkluza fir-rikors guramentat promotur;

2. Tikkundanna lill-intimata Paula Ward thallas lis-socjeta` rikorrenti Bank of Valletta p.l.c. is-somma ta'

hdax –il elf, seba’ mija u erbatax –il Ewro u tnejn u tmenin centezmu, (€11,714.82), bilanc mid-debitu riferit fl-istess skritturi privati fuq riferiti, oltre l-imghax ulterjuri dovut mis-17 t’Ottubru, 2012, sad-data tal-effettiv pagament;

3. Bl-ispejjez kif espressament mitluba mis-socjeta` rikorrenti *de quo* fir-rikors promotur minnha pprezentat kontra l-istess intimata fuq riferita.

______________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------